MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 244/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Zammit)**
**Vs**
**Faical Mahouachi**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli f'dawn il-Gzejjer, fil-hdax ta' Ottubru 2000 u fix-xhur ta' qabel din d-data,
1) kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma

kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

**2) talli fis-sebgha ta' Ottubru 2000 fil-Fgura, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-marka Phillips, liema serq hu aggaravat bil-valur tal-haga misruqa, billi l-valur tieghu huwa ta' aktar minn mitt lira Maltin, mill-hanut 'Cottoner Bar & Restaurant' fil-Fgura, ghad-dannu ta' Pauline Debono;**

**3) talli sar recidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) minn awla numru 2 u ohra moghtija minn awla numru 7 li saru definittivi fit-tletin ta' Gunju 1995 u ghoxrin ta' Jannar 1998 rispettivament.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-27 ta’ Lulju, 2005, li biha, wara li rat l-artikolu 49, 50, 261(c), 267, 279(a) tal-Kap. 9 u l-artikolu 8 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu salv u b’eccezzjoni ghal aggravju tal-valur fis-serq u minn dan l-aggravju lliberatu, w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 t’Awissu, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li l-appellant m’huwiex hati ta’ serq aggravat, izda tillibera lill-appellant mill-akkuzi kollha li gie misjub hati w fin-nuqqas timponi piena aktar gusta w ekwa.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Il-versjoni tal-appellant mhux talli hija kredibbli izda sahansitra, fl-aghar ipotesi, wiehed jista jasal ghall-konkluzzjoni li huwa ferm probabbli li l-fatti graw skond kif irrakkonthom l-appellant. Illi haga ohra li l-Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni hija li David Monsigneur ghazel li jixhedx (Sic!) fil-proceduri odjerni, ghaliex ghazel li jaghmel uzu tad-dritt tieghu li ma jinkriminax ruhu . L-appellant xehed u espona ruhu ghall-mistoqsijiet kollha li sarulu sew mill-prosekuzzjoni u mill-Ewwel Qorti. Illi fir-rigward tal-akkuza tal-pussess tad-droga, l-unika prova hija l-istqarrija li kien ghamel l-appellant lil Pulizija, li giet superata permezz tax-xhieda guramentata waqt il-proceduri. Barra minn hekk, jekk persuna diga jkun ghadda minn proceduri kriminali dwar droga w instab hati, m' ghandux jitfacca(Sic!) bi proceduri godda ghaliex il-Pulizija jsaqsu jekk fil-passat ghamilx uzu tad-droga. Bla prgudizzju, l-piena kellha tigi riveduta ghal wahda aktar gusta w ekwa w li tirrifletti r-reat kommess.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat in-Nota tal-appellant tal-20 t' Ottubru, 2005, li biha hu rtira t-tielet aggravju tieghu rigward il-pussess tad-droga.**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi jidher li ghall-inqas l-ewwel zewg aggravji (ghax it-tielet wiehed gie rtirat) jirrigwardaw l-apprezzament ta' fatt li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz**

**ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." **[12.5.94;** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi " **[14.2.1989];** "Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" **[31.5.1991] ;** "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" **[31.5.1991] u ohrajn .**

**"Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza** "R. v. Cooper" **([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-**

**"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very *reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will***

***be quashed."*** **(Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)**

**Illi inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet** "Ir-Republika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**" deciza fil-5 ta' Lulju, 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) li :-**

*"Anki jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti , u dan ghal grazzja tal-argument biss u xejn aktar, hi tasal ghal xi konkluzzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi w tirrimpjazzha b'taghha, kemm il-darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kienux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu ghalhekk , ragjonevolment u legalment jaslu ghall-konkluzzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi ghall-provi li kellhom quddiemhom . Effettivament, kif dejjem jinghad, mhux lecitu ghal din il-Qorti li tinvadi t-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri, jrid ikun in kontradizzjoini manifesta w assoluta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett jigi eskluz bhala assolutament infondat ".*

**Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet :** "Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt", **deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-**

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjoni ta' serq tal-mobile phone dedotta kontra l-appellant.

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-Ewwel Qorti kellha quddiemha zewg versjonijiet dwar l-akkuza tas-serq tal-*mobile phone*, dik moghtija mid-derubata Pauline Debono u dik moghtija mill-appellant. Kull stqarrija moghtija fir-rigward lill-Pulizija minn David Monsigneur korrettement twarrbet mill-Ewwel Qorti bhala mhux ammissibbli, peress li dan ix-xhud – kif kellu dritt –ghazel li ma jixhidx f' din il-kawza.**

**Pauline Debono xehdet li rat lill-appellant bil-mobile taghha f' idejh meta kien xi erbghin pied boghod minnha u li kienet ratu jisraq il-mobile phone waqt li kien fil-hanut taghha. L-appellant fil-waqt li ma jikkontestax li hu kien fil-hanut ta' Pauline Debono dak in-nhar li nsteraq il-mobile phone dejjem cahad li dan il-phone kien serqu hu.**

**L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ghaddiet in rassenja l-provi kollha tal-Prosekuzzjoni w d-difiza u ghamlet analisi dettaljat taghhom u waslet ghall-konkluzzjoni li Pauline Debono kienet xhud kredibbli, kienet kostanti u zammet dejjem l-istess versjoni tal-fatti kif sehhet is-serqa w tat l-istess spjegazzjoni kemm lill-Ispettur li investiga l-kaz, kemm lis-Surgent li kien ha r-rapport tal-kaz minn ghandha, kif ukoll meta xehdet *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti. Irriteniet li x-xhieda taghha kellha mis-sewwa w, ghab-bazi tal-istess xhieda, sabet lill-appellant hati tat-tieni akkuza li tirrigwarda s-serq tal-*mobile phone*.**

**Din il-Qorti ghamlet ukoll l-analisi tal-provi u ma tarax li l-Ewwel Qorti ma setghetx tasal legalment u ragonevolment ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Ghalhekk ma ssib ebda raguni ghala ghandha b' xi mod tiddisturba l-apprezzament ta' fatt li ghamlet fic-**

**cirkostanzi li rrizultawlha. Ghalhekk l-aggravji li jikkoncernaw l-apprezzament tal-provi dwar l-akkuza ta' serq qed jigu respinti.**

**Illi peress li l-aggravju dwar ir-reat ta' pussess ta' droga eroina gie rtirat mill-appellant, din il-Qorti ma ghandhiex ghall-fejn tiddilunga dwaru.**

**Illi dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999] ,** "Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn).**

**Issa bizzejjed jinghid li l-piena ghall-pussess semplici ta' droga eroina skond l-artikolu 22 (2)(b) (ii) tal-Kap.101 hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlitt xhur izda mhux izjed minn tnax il-xahar jew multa ta' mhux inqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn elf lira jew dik il-prigunerija u multa flimkien. Stante li l-appellant instab hati ta' recidiva, l-piena karcerarja minima u dik massima jistghu jizdiedu bi grad u f' dan il-kaz jitilghu ghall-minimu ta' hames xhur u massimu ta' tmintax il-xahar. Jekk ma dan wiehed izid il-piena ghas-serq mhux aggravat mizjud ukoll bi grad li jitla minn massimu ta' tlitt xhur ghal sitt xhur u jiehu nofs dan il-periodu massimu skond ir-regoli tal-konkors tal-pieni u cioe' tlitt xhur, jigi li l-appellant setgha addirittura jigi kundannat ghall-piena massima karcerarja ta' wiehed u ghoxrin xahar prigunerija. Ghalhekk ma hemmx dubju li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti kienet entro l-parametri tal-ligi.**

**Lanqas ma jidher li din il-piena hija eccessiva meta wiehed iqis il-fedina penali tal-appellant li minnha jidher li gie misjub hati ta' reati mhux inqas minn tmin darbiet u darba minnhom gie sentenzjat ghal sitt xhur prigunerija talli forna w pprokura d-droga u darba nghata sentenza ta' prigunerija sospiza fuq serq,**

**apparti li nstab hati ta' sensiela ta' reati ohra li jvarjaw minn attakk u rezistenza w hebb fuq il-pulizija, pussess ta' droga eroina mhux ghall-uzu esklussiv tieghu, reati tat-traffiku, glied u li dahal Malta illegalment. Ghalhekk dan l-aggravju dwar il-piena qed jigi respint.**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------